# Dar Is-Sliem

*Lil Prof. Dun P.P. Saydon sid 'Dar is-Sliem'.*

Narak waħdiena tidħak, waqt li d-dija
tax-xemx tidħol ġo qalbek: int fuq tiegħek
tistenbaħ ħelwa u b'ħarsa fuqanija
taħkem l-egħlieqi sbieħ li jduru miegħek.

Baħar ta' ħdura jogħġbok, dar bla ħtija;
ħajtek ma tafx bil-qerq tan-nies li tbiegħek
bi kliemha lħiħ, u tisker fl-agħar tgawdija,
u tibki fl-art bl-uġiegħ, u fl-art titmiegħek.

Il-ġmiel tas-sema kollu jiddi fuqek;
is-skiet għalik sultan. Int, dar sabieħa,
l-għanja tas-sajf tħossha taħjik u ttuqek.

Ħassejt, meta dħalt fik, qawwa ta' mħabba,
kif il-poeta jħoss f'qalbu ferrieħa
xħin l-għana jikbes fih, u fih jitrabba.

Gużè Chetcuti